# IL-PJAN TAL-LEZZJONI 2.8

**Kap 2: Il-ħbieb iħobbuna**

**Lezzjoni 2.8: Nieħdu pjaċir flimkien**

**L-Għanijiet:**

**L-istudenti:**

1. Jifhmu l-ferħ ta' meta nkunu ma' nies li jħobbuna.

2. Jagħrfu kemm iħobbna Ġesù.




3. Jitgħallmu sentenza li kien jgħid Ġesù fejn naraw l-imħabba tiegħu.

**Ir-riżorsi għal-lezzjoni:**

- Love one another http://www.youtube.com/watch?v=cQQ2sKj0Fq0
- Karta ta' taħriġ 2.5: *Nieħdu pjaċir flimkien*



## Naqsmu flimkien – L-introduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu

- Fakkar lit-tfal fil-lezzjoni tal-ġurnata ta' qabel fejn it-tfal ikunu tgħallmu xi ħaġa importanti fuq Ġesù. Staqsihom x'kienet. Oħroġ il-fatt li tgħallimna li Ġesù jħobbna ħafna u Hu ġie fid-dinja biex jurina kemm iħobbna.

- Staqsi: Meta kien fid-dinja, Ġesù x'kien jagħmel?

- Iddiskuti li waħda mill-affarijiet li kien jagħmel kienet li jgħallem lin-nies. Staqsihom min jista' jgħid xi ħaġa li għallem Ġesù. Ara li joħorħu dawn il-punti:
    - Lill-appostli Ġesù kien jgħidilhom, 'Ħobbu lil xulxin kif ħabbejtkom jien'.
    - Lilna wkoll hekk qed jgħidilna - li għandna nħobbu lil xulxin kif ħabbna Hu.



## Nisimgħu flimkien (Il-qafas tal-lezzjoni)



- Semma d-diska *Love one another*

  http://www.youtube.com/watch?v=cQQ2sKj0Fq0

- Stieden lit-tfal biex jiftħu l-Ktieb tal-Attivitajiet 2.5.

- Spjega l-introduzzjoni mogħtija u għal Attività 1 għin lit-tfal jiktbu s-sentenza t-tajba taħt kull stampa. Ara li kulħadd ikun poġġa s-sentenza t-tajba taħt l-istampa t-tajba.

- Aqra Attività 2 u fuq bażi ta' klassi għin lit-tfal ipinġu l-qalb madwar is-sentenzi t-tajbin.

- Iddiskuti l-Attività ta' Sam u Tara. Oħroġ il-fatt li nħobbu tassew meta nħobbu bil-verità u mhux bil-kliem.

- Għin lit-tfal li għal dik il-ġurnata jippruvaw iħobbu b'dak il-mod. Iddiskuti magħhom kif jistgħu jagħmlu dan.

**Nikbru flimkien (Il-punti saljenti tal-lezzjoni)**

1. Ġesù għallimna li għandna nħobbu lil xulxin kif iħobbna Hu.
2. Meta nkunu qalbna tajba u nħobbu lil kulħadd inkunu qed nagħmlu kif għallimna u għamel Ġesù.
3. Meta nirrispettaw inkunu qed inħobbu tassew.


©BNP Design Studio * illustrationsOf.com/433029

**Nagħżlu flimkien (L-attidudni)**

Ġesù ħabbna tassew. It-tfal jagħrfu li l-imħħabba jridu juruha bl-azzjonijiet tagħhom.



## Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc

Love one another http://www.youtube.com/watch?v=cQQ2sKj0Fq0



## Nitolbu

Ġesù, għinna nsiru nixbhuk dejjem iżjed billi nħobbu lil xulxin kif ħabbejtna int.

